

**Talbiet**

Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2011 (C 28/2005) li tiddikjara kompatibbli mas-suq intern, fis-sens tal-Artikolu 107(3)(a) TFUE, l-għajjnuna mill-Istat mogħtija mill-Ġermanja favur Glunz AG u OSB Deutschland GmbH fl-ammont ta' EUR 69 797 988;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha u għall-ispejjeż tar-rikorreni.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorreni jinvokaw żewġ motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tat-Trattat FUE, tat-Trattat KE jew ta' dispożizzjoni legali li timplimentahom

Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorreni jsostnu li l-Kummissjoni ma osservatx ir-regoli stabbiliti fil-Qafas multisettorjali dwar l-għajjnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment (ĠU C 107, 07.04.1998, p. 7, iktar 'il quddiem il-“Qafas multisettorjali”) sa fejn:

- ma ddeterminatx l-intensità massima permessa tal-għajjnuna kif mitlub, fil-fehma tar-rikorreni, mill-punt 3.1 tal-Qafas multisettorjali;
- iddeterminat ir-rata ta' tkabbir annwali, fis-sens tal-punt 7.8 tal-Qafas multisettorjali, fir-rigward tal-particleboards fuq il-bażi ta' perijodu ta' żmien mhux rilevanti u b'hekk waslet għal fattur ta' kompetizzjoni ogħli wisq;
- ikkunsidrat flimkien diversi fatturi ta' kompetizzjoni għal proġett wieħed u b'hekk injorat il-qafas legali stabbilit fil-punt 3.10 tal-Qafas multisettorjali.

- (2) It-tieni motiv, ibbażat fuq użu ħażin ta' poter

Fil-kuntest tat-tieni motiv, ir-rikorreni jsostni li l-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni tal-għajjnuna, użat ħażin il-poter tagħha sa fejn ma osservatx ir-regoli li hija stess kienet stabbilixxiet.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2011 — Symbio Gruppe vs UASI — ADA Cosmetic (SYMBIOTIC CARE)**

(Kawża T-562/11)

(2012/C 13/38)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorreni: Symbio Gruppe GmbH & Co. KG (Herborn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Schulz u C. Onken, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: ADA Cosmetic GmbH (Kehl, il-Ġermanja)

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-18 ta' Awwissu 2011, fil-Każ R 2121/2010-4;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ADA Cosmetic GmbH

Trade mark Komunitarja kkonċernata: reġistrazzjoni internazzjonali ta' trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali “SYMBIOTIC CARE”, għal prodotti fil-klassijiet 3, 5, 29 u 30

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorreni

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade marks verbali u figurattivi “SYMBIOFLOR” u “SYMBIOLACT”, reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali “SYMBIOFEM” u tat-trade mark figurattiva “SYMBIOVITAL” għal prodotti fil-klassijiet 1, 3, 5, 29 u 32.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trades kunfliġġenti, kif ukoll ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jikkunsidra li t-trade marks opposti kienu jiffurmaw parti minn familja ta' trade marks.